



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13554/23

EF 284
ECOFIN 940

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-ħatra tal-
President tal-Bord Superviżorju tal-BĊE

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta' ...

dwar il-ħatra tal-President tal-Bord Superviżorju tal-BĊE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Bank Ċentrali Ewropew,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni mill-Parlament Ewropew,

¹ ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63.

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Ottubru 2013 il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 1024/2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu.
- (2) Jenħtieġ li l-ippjanar u l-eżekuzzjoni tal-kompiti kkonferiti lill-BĊE jridu jitwettqu b'mod sħiħ mill-Bord Superviżorju tiegħu, li hu magħmul mill-President, il-Viċi President u erba' rappreżentanti tal-BĊE, kif ukoll rappreżentant wieħed tal-awtorità kompetenti nazzjonali f'kull Stat Membru parteċipanti.
- (3) Il-Bord Superviżorju huwa korp essenzjali fit-twettiq tal-kompiti superviżorji mill-BĊE. Għaldaqstant ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013 ta lill-Kunsill is-setgħa li jaħtar il-President u l-Viċi President tal-Bord Superviżorju.
- (4) Fis-6 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill ħatar il-President attwali tal-Bord Superviżorju permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1958¹. Skont l-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, il-mandat tal-President tal-Bord Superviżorju huwa ta' ħames snin u ma jistax jiġġedded.

¹ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1958 tas-6 ta' Diċembru 2018 dwar il-ħatra tal-President tal-Bord Superviżorju tal-BĊE (ĠU L 315, 12.12.2018, p. 25).

- (5) Fit-13 ta' Settembru 2023, f'konformità mal-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, abbażi ta' proċedura tal-għażla miftuħa minn fost individwi ta' pożizzjoni rikonoxxuta u ta' esperjenza fi kwistjonijiet bankarji u finanzjarji u wara s-smiġ tal-Bord Superviżorju, il-BĊE ppreżenta lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni proposta għall-ħatra tas-Sa Claudia-Maria BUCH bħala l-President tal-Bord Superviżorju. Il-Parlament Ewropew approva dik il-proposta fit-3 ta' Ottubru 2023,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sa Claudia-Maria BUCH hija maħtura bħala President tal-Bord Superviżorju tal-Bank Ċentrali Ewropew għal perjodu ta' ħames snin mill-1 ta' Jannar 2024.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2024.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
